A.L. 245 ta' l-2008

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2008 dwar id-Delega ta' l-Amministrazzjoni ta' Faċilitajiet lill-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1) (m) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar id-Delega ta' Amministrazzjoni ta' Faċilitajiet lill-Kunsilli Lokali.

Delega ta' funzjonijiet.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikoli 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet tad-delega ta' funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-ordni.

Deskrizzjoni ta' proprjetà fil-Mosta.

3. Il-proprjetà fil-lokalità tal-Mosta, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti fi kmamar fiċ-Ċentru Ċiviku, Mosta, li jidhru delineati bl-aħdar fuq il-pjanta P.D.2007_437 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu ta' dawn il-kmamar fiċ-Ċentru Ċiviku, Mosta mill-Kunsill Lokali Mosta, iffirmat mid-Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mosta fl-4 ta' Ottubru, 2007.

Deskrizzjoni ta' art f'Santa Luċija.

4. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Santa Luċija, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'żewġ siti f'Santa Luċija, li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 11_82_109 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu ta' dawn is-siti f'Santa Luċija, mill-Kunsill Lokali Santa Luċija, iffirmat mill-Assistent Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Santa Luċija fil-31 ta' Jannar, 2008.

Deskrizzjoni ta' art fil-Fontana, Għawdex.

5. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Fontana, Għawdex, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'sit fejn Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, li jidher delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2007_508 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu ta' dan is-sit fejn Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, mill-Kunsill Lokali Fontana, Għawdex, iffirmat mill-Assistent Direttur ta' l-Artijiet f'isem

il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana, Għawdex, fil-31 ta' Jannar, 2008.

Deskrizzjoni ta' art fl-Imsida.

6. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Msida, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'sit f'Misraħ tal-Menqa, Msida, li jidher delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2006_835 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu ta' sit f'Misraħ tal-Menqa, Msida, mill-Kunsill Lokali Msida, iffirmat mill-Assistent Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Msida, fil-31 ta' Jannar, 2008.

Deskrizzjoni ta' l-art fil-Ħamrun.

7. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Ħamrun, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'żewġ siti fi Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun, li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2007_729 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu taż-żewġ siti fi Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun, mill-Kunsill Lokali Ħamrun, iffirmat mill-Assistent Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun fit-13 ta' Frar, 2008.

Deskrizzjoni ta' propjetà fil-Floriana.

8. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Floriana, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V, Floriana u kmamar taħt l-art, li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2006_830 u P.D. 2006_830_1 mehmużin mal-Ftehim ta' Kiri taċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V, Floriana, mill-Kunsill Lokali Floriana, iffirmat mid-Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Floriana fil-21 ta' Frar, 2008.

Deskrizzjoni ta' proprjetà fiż-Żejtun.

9. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Żejtun imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni li tikkonsisti fil-fond Nru 14/18, Triq San Girgor, Żejtun li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 130_2004 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu tal-fond 14/18 fi Triq San Girgor, Żejtun mill-Kunsill Lokali Żejtun, iffirmat mid-Direttur ta' l-Artijiet, f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-25 ta' Ġunju, 2008.

Deskrizzjoni ta' proprjetà f'Santa Venera.

10. Il-proprjetà fil-lokalità ta' Santa Venera, imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni li tikkonsisti fl-Latrina Pubblika fi Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq it-Turretta, Santa Venera, li tidher delineata bl-aħmar u mmarkata 'B' fuq il-pjanta P.D. 2007_117 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu tal-Latrina Pubblika fi Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq it-Turretta, Santa Venera, iffirmat mid-Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera fil-25 ta' Ġunju, 2008.